**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 4 ta' Dicembru 2019

Rikors Numru: 389/19 AL

**A B**

Vs

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi Joselene Catania u Omar Debrincat iżżewġu nhar it-13 ta' Diċembru 2002 u huma legalment separati permezz ta' kuntratt datat 26 ta' Awwissu 2013, fl-atti tan-Nutar Dr. Nicholas Vella (vide Dok "A" hawn anness u ċertifikat taż-żwieġ debitament annotate Dok "B" anness);

2. Illi minn dan iż-żwieġ kien żewġt itfal E (ta' ħmistax-il sena) u F (ta' għaxar snin). Il-manteniment għat-tfal mill-missier jitħallas

puntwalment u ma hemmx arretrati dovuti. Ma hemm ebda kwistjoni oħra relatati mat-tfal;

3. Illi A B u C D jissodisfaw il-kriterji imposti mill-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan billi:

    1. Ilhom separati de facto għal aktar minn 4 snin u diġa' ottjenew separazzjoni legali bejniethom;
    2. Ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom;
    3. Ma hemm ebda kwistjoni fuq manteniment peress illi l-partijiet kienu rrinunzjaw għall-manteniment mingħand xulxin fuq l-att ta' separazzjoni u fuq it-tfal ma hemm ebda manteniment dovut minn xi parti (ara klawsola 6 tal-istess kuntratt anness).

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tordna illi ż-żwieġ kuntrattat bejn il-partijiet A B u C D nhar it-13 ta' Diċembru 2002 jiġi maħlul;
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien ffissat minn din il-Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku

U dan taħt kull provediment ieħor illi din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Settembru 2019;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla jwieġeb li m'għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Ligi sabiex zwieg jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' Awwissu, 2013 u ilhom separati *de* facto ghal aktar minn erba` snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.